# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 197/23/1 AJD**

**Angela Muscat**

**v.**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2023 ġie kjamat in kawża Carmelo Muscat**

1. B'rikors preżentat fis-17 ta' April 2023 l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' żewġ digrieti li ngħataw fis-7 ta' Frar 2023 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u li bihom ordnat l-iżgumbrament tagħha mid-dar taż-żwieġ u sabiex ma tersaqx lejn l-appartament li għandhom f'Buġibba. Talba magħmula peress li l-attriċi fetħet kawża kostituzzjonali li biha qiegħda tilmenta li b'dawk l-ordnijiet

seħħ ksur tal-jedd fundamentali protett taħt l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u talbet għal rimedju.

2. Fil-qosor il-fatt rilevanti huma dawn:

i. B'rikors preżentat fit-12 ta' Diċembru 2022 preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni **Carmelo Muscat v. Angela Muscat** (numru 1479/22), ir-raġel talab lil dik il-Qorti sabiex tordna l-iżgumbrament ta' martu mid-dar matrimonjali f'Birkirkara u tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni skont l-Art. 412Ċ tal-Kodiċi Ċivili. Talbiet li saru minħabba li allega li martu kienet ħebbet għalih, waddbitlu oġġetti u hedditu. Ir-raġel qal li minħabba f'hekk mar jgħix għand ibnu.

ii. B'digriet mogħti fis-7 ta' Frar 2023 il-Qorti tal-Familja ordnat l-iżgumbrament tal-mara minn ġewwa d-dar matrimonjali. Fid-digriet jingħad li l-Qorti semgħet lix-xhieda u li kien irriżulta ċar li l-attriċi tefgħet oġġetti fid-direzzjoni ta' żewġha, tkellmet baxx u qaltlu kliem ta' theddid, kif ukoll keċċiet lil żewġha kemm-il darba mid-dar. Dakinhar stess ingħata digriet li bih l-istess Qorti ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-attriċi, fejn *inter alia* ordnat li ma tavviċinax l-appartament li għandhom f'Buġibba f'distanza ta' inqas minn kilometru.

iii. B'rikors preżentat fit-23 ta' Marzu 2023 l-attriċi talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex tħassar id-digrieti li tat fis-7 ta' Frar 2023. B'digriet mogħti fit-30 ta' Marzu 2023 dik il-Qorti ċaħdet it-talba u ordnat lill-attriċi sabiex *".... mill-aktar fis possibbli tiżgombra mid-dar matrimonjali, kif ordnat il-qorti fid-digriet tagħha tas-7 ta' Frar 2023"*.

3. B'digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi għall-ordni proviżorja, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"22. Fl-ewwel lok, jirriżulta lil din il-Qorti fuq bażi prima facie, saħansitra anke mir-rikors promotur stess, illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ma ħaditx id- deċiżjonijiet illi tordna l-iżgumbrament tar-rikorrenti mid-dar matrimonjali b'mod arbitrarju. Ir-rikorrenti stess tgħid illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) semgħet lill-partijiet qabel waslet għad-deċiżjonijiet tagħha, b'dana illi r- rikorrenti kellha għalhekk l-opportunita' illi tagħmel ukoll is-sottomissjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan apparti l-fatt illi, hekk kif issostni r-rikorrenti stess, hija ngħatat ukoll il-possibilta' illi titlob lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex tirrevoka contrario imperio d-digrieti tagħha, permezz ta' rikors datat tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2023. Filwaqt illi huwa minnu illi din it-talba ġiet ukoll miċħuda, din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax il-fatt illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kuntrarjament għal din il-Qorti, kellha quddiemha l-fatti kollha tal-każ bejn il-partijiet, inkluż kwalsiasi provi illi setgħu tressqu dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika magħmula fil-konfront tar-rikorrenti, fatt illi aktar u aktar ikompli jsaħħaħ it-teżi ta' din il-Qorti illi, fuq bażi prima facie, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ħadet deċiżjoni illi kienet meqjusa u meritata fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti ma tarax illi għandha tapplika miżura eċċezzjonali bħalma hija dik mitluba għall-każ odjern;*
>
> *23.In oltre, il-Qorti tirrileva illi ż-żewġ raġunijiet illi fuqhom qed tibbaża l- pretensjoni tagħha r-rikorrenti huma (a) il-prossimita' tad-dar matrimonjali għall-post tax-xogħol tagħha, u (b) il-fatt illi l-konjuġi għandhom appartament f'Buġibba illi r-rikorrenti ssostni fir-rikors promotur illi huwa battal, anke jekk żewġha qed jindikah bħala l-indirizz tiegħu. Bid-dovut rispett lir-rikorrenti, din il-Qorti ma tqisx illi dawn iż-żewġ raġunijiet qed iwasslu sabiex l-iżgumbrament tar-rikorrenti mid-dar matrimonjali jwassal, fuq bażi prima facie, għal ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Fuq kollox, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, minn dak illi għadha rat din il-Qorti sa dan l-istadju, id-digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ma ngħatawx għalxejn, u kien jispetta lir-rikorrenti illi ġġib prova illi permezz tagħhom setgħet tinnega l-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tagħha minn żewġha sabiex tikseb residenza f'waħda miż-żewġ proprjetajiet tal-konjuġi Muscat. Gialadarba għadha ma nġabet l-ebda prova, la quddiem din il-Qorti, u lanqas quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), illi l-allegazzjonijiet m'humiex minnhom, din il-Qorti ma tqisx illi qed jinkiser xi jedd prima facie tar-rikorrenti per konsewgenza tal-ordni ta' żgumbrament;*

*24.Fit-tieni lok, ikkunsidrat il-premess, u l-fatt illi d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet primarjament imsejsa fuq allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika magħmula fil-konfront tar-rikorrenti, l-unika riskju imminenti u ħsara irrimedjabbli illi tista' tikkonstata din il-Qorti huwa dak illi jista' jirriżulta f'każ illi l-allegat vittma ta' vjolenza domestika jitħalla jirrissjedi mal-allegata perpetriċi tal-istess vjolenza, u mhux bil-kontra. L- allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tar-rikorrenti huma allegazzjonijiet serji u gravi illi ma jistgħux ħlief ipoġġu lill-Qorti f'pożizzjoni fejn hija għandha tqis fuq bilanċ il-ħsara irrimedjabbli illi tista' tiġi kkawżata jekk tordna l-ħruġ tal-miżura provviżorja, u l-ħsara irrimedjabbli illi tista' tiġi kkawżata jekk ma tagħmilx dan. Fl-ewwel każ, ir-rikorrenti ssostni illi hija jkollha tittrasloka ruħha għal post illi m'huwiex qrib il-post tax-xogħol tagħha, punt illi jista' biss jitqies bħala inkonvenjent, filwaqt illi, fit-tieni każ, hemm il-potenzjalita' illi tiggrava aktar is-sitwazzjoni prekarja ta' bejn ir-rikorrent u żewġha. M'hemmx dubbju illi l-ħsara illi tista' tirriżulta fil-każ illi jiġi ordnat il-ħruġ tal-miżura provviżorja hija ferm aktar riskjuża u rrimedjabbli mis-sitwazzjoni illi ssib ruħha r-rikorrenti fil-każ illi t-talba tagħha odjerna ma tintlaqax. Għaldaqstant, lanqas tista' tikkonsidra din il- Qorti illi ġie sodisfatt l-element ta' ħsara irrimedjabbli;*

*25.Finalment, il-Qorti tagħmel referenza għaż-żewġ deċiżjonijiet imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors odjern, u cioe* ***Carmel sive Charles Camenzuli et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *u* ***Emanuel Camilleri vs Kummisarju tal- Artijiet****. Din il-Qorti, iżda, ma tarax illi r-rikorrenti tista' ssib konfort fl- ordnijiet ad interim illi ngħataw f'dawn iż-żewġ kawżi, u dan primarjament għaliex dawn kienu kawżi illi jirrigwardaw il-kostituzzjonalita' o meno tal-Kap 288 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe l-att illi jipprovdi għal żgumbrament minn artijiet u postijiet ta' proprjeta' jew amministrati mill-Gvern jew miżmuma mill-Gvern taħt kwalunkwe titolu. F'dawn iż-żewġ każijiet, hekk kif tirrikonoxxi r-rikorrenti nnifisha fir-rikors odjern, il-familja kienet ser tispiċċa mingħajr proprjeta' tagħha għal kollox, u ma kien ser ikollha l-ebda rimedju biex terġa' tmur lura, fil-każ illi ma tiġix sospiża l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' żgumbrament qabel tiġi deċiża l-vertenza fil-mertu. Dan assolutament m'huwiex il-każ fil-każ odjern, fejn, irrispettivament mill-via illi tieħu l-kawża fil-mertu, ir-rikorrenti mhi sejra qatt titlef id-dritt tagħha fuq il-proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan stante illi l-eventwali likwidazzjoni u*

*diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ser issir biss fil-medjazzjoni u/jew fl-eventwali proċedura ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet"*.

4. B'rikors preżentat fit-13 ta' Ġunju 2023 l-attriċi appellat mid-digriet u ilmentat li:

i. Id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja fih nuqqas ta' proporzjonalità meta b'digriet ħarġitha mid-dar u b'digriet ieħor ordnat li ma tersaqx lejn l-appartament ta' Buġibba.

ii. Ma saritx investigazzjoni skont il-liġi qabel ingħatat l-ordni ta' żgumbrament. Id-dritt għad-dar huwa wieħed mid-drittijiet superjuri, is-saqaf ta' fuq rasek. Mhuwiex biżżejjed li l-Qorti tal-Familja semgħet lill-partijiet. Hemm bżonn li jsir *assessment* tal-perikoliżità tal-allegat aggressur. Minn dan ma sar xejn quddiem l-Ewwel Qorti;

iii. L-ordnijiet li ngħataw mill-Qorti tal-Familja huma fihom infushom *interim measures*. Peress li jibqgħu sakemm tispiċċa l-kawża ta' separazzjoni, jekk ir-raġel irid itawwal ħadd mhu sidu. L-attriċi ma ssuqx u għalhekk hu vitali għaliha li tkun qrib ix-xogħol fejn taħdem. Dan apparti li m'għandhiex fejn tmur tgħix;

iv. L-attriċi għandha jedd għal rimedju effettiv;

v. L-ordnijiet li tat il-Qorti tal-Familja mhumiex ġudikat;

5. Fis-7 ta' Lulju 2023 wieġeb l-Avukat tal-Istat u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-attriċi. L-istess għamel Carmelo Muscat li ġie msejjaħ fil-kawża kostituzzjonali b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Mejju 2023. Fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2023 din il-Qorti ordnat li l-istess Carmelo Muscat jiġi notifikat bl-atti relatati mat-talba għall-għoti ta' ordni proviżorja. Fil-fatt hu wieġeb permezz ta' tweġiba preżentata fis-6 ta' Settembru, 2023.

Konsiderazzjoni.

6. L-argumenti prinċipali li saru fir-rikors tal-appell jikkonċernaw il-mertu tal-kawża kostituzzjonali li hemm pendenti, u li ovvjament ma jiġix deċiż f'dan l-istadju tal-kawża. Dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Familja hu l-mertu tal-kawża kostituzzjonali. Il-fatt jibqa' li llum hemm digriet tal-Qorti tal-Familja, li hu titolu eżekuttiv, għall-iżgumbrament tal-attriċi mid-dar taż-żwieġ.

7. L-ordnijiet li tat il-Qorti tal-Familja jirreferu għall-fond matrimonjali u wkoll l-appartament li l-konjuġi Muscat għandhom f'Buġibba. Il-Qorti fehmet li sa ftit ilu dak il-fond kien vojt iżda issa jinsab okkupat għaliex l-attriċi krietu.

8. Il-provi juru li l-Qorti tal-Familja semgħet ix-xhieda u mill-provi li tressqu quddiemha kienet sodisfatta li l-allegazzjoni ta' vjolenza domestika kienet ġiet ippruvata mir-raġel. L-għan wara l-appell tal-attriċi mid-digriet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla ma jistax ikun l-istħarriġ tar-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Familja fid-digriet tas-7 ta' Frar 2023. *Semmai*, dik hi materja li taf tkun rilevanti fir-rigward tal-mertu tal-kawża kostituzzjonali.

9. L-attriċi qalet li bl-ordni li tat il-Qorti tal-Familja ser ifisser li ser tkun 'il bogħod mix-xogħol fejn taħdem peress li ma ssuqx. Raġuni li ċertament ma tistax tiġġustifika s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-Qorti tal-Familja meta jeżistu mezzi oħra ta' trasport.

10. L-attriċi argumentat ukoll li jekk tinħareġ mid-dar matrimonjali ser tispiċċa bla saqaf fuq rasha. Ibda biex ma ntweriex li l-attriċi mhijiex f'kundizzjoni finanzjara li temporanjament issib akkomodazzjoni alternattiva. Fir-rikors li bih talbet għall-ordni proviżorja, ilmentat li żewġha ser ikollu l-użu wkoll tal-fond f'Buġibba *".... illi hija ma tistax tersaq lejha skont digriet minnhom li ġie ppreżentat għax inkellha teħel €7000 multa jew inkella sa sentejn ħabs".* Għalkemm f'dan l-istadju setgħet targumenta li ma kienx hemm ħtieġa li l-ordni tolqot ukoll l-appartament ta' Buġibba u b'hekk ikollha akkomodazzjoni alternattiva mingħajr spejjeż

bla bżonn, meta kriet il-fond ġiet li hi stess warrbet il-possibbilità li tagħmel dak l-argument. Hu minnu li l-partijiet ma jaqblux dwar jekk il-kirja saritx bil-kunsens tar-raġel, iżda dan hu immaterjali għall-finijiet tal-appell in eżami.

11. Għalkemm l-attriċi qalet li ser ikollha tistenna sakemm tispiċċa l-kawża ta' separazzjoni u żewġha ser ikun jista' jtawwal il-proċeduri, dan mhux minnu. L-ordni li biha l-Qorti tal-Familja ordnat lill-attriċi sabiex toħroġ mid-dar matrimonjali hi ta' natura proviżorja u għalhekk kif qalet hi stess, *"E. Hawn ma hawnx ġudikat"*. Dan apparti li l-fatt li ngħatat dik l-ordni ma jfissirx li b'hekk żewġha ngħata l-opportunità li jtawwal kemm irid il-proċeduri ta' separazzjoni. L-attriċi għandha kull jedd li toġġezzjona kull fejn tara li qiegħed jintilef żmien bla bżonn u titlob l-intervent tal-Qorti tal-Familja.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm